*Konvenuti:* Dabas aizsardzības pārvalde, Vides pārraudzības valsts birojs

*Parti oħra fil-proċedura:* Valsts meža dienests

**Domandi preliminari**

1) Il-kunċett ta' "proġett" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [1] jinkludi wkoll l-attivitajiet imwettqa f'żona forestali sabiex tiġi żgurata l-manutenzjoni tal-infrastrutturi ta' protezzjoni tal-foresti min-nirien f'din iż-żona, konformement mar-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nirien?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-attivitajiet imwettqa f'żona forestali sabiex tiġi żgurata l-manutenzjoni tal-infrastrutturi ta' protezzjoni tal-foresti min-nirien f'din iż-żona, konformement mar-rekwiżiti previsti mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nirien, għandhom jitqiesu, fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [2], bħala proġett direttament marbut [jew] neċessarju għall-ġestjoni tas-sit inkwistjoni, b'tali mod li dawn l-attivitajiet ma humiex suġġetti għall-proċedura ta' evalwazzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza għall-Komunità (Natura 2000)?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tieni domanda, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43 jinkludi wkoll l-obbligu li titwettaq evalwazzjoni tal-pjanijiet u proġetti (attivitajiet) li, filwaqt li ma humiex direttament marbuta jew neċessarji għall-ġestjoni taż-żona speċjali ta' konservazzjoni inkwistjoni, jista' jkollhom impatt sinjifikattiv fuq iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza għall-Komunità (Natura 2000), iżda li madankollu jitwettqu b'osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti fil-qasam tal-protezzjoni u tal-ġlieda kontra n-nirien forestali?

4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tielet domanda, tali attività tista' titwettaq u tiġi konkluża qabel l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' evalwazzjoni *ex post* taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza għall-Komunità (Natura 2000)?

5) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tielet domanda, sabiex jiġu evitati effetti sinjifikattivi possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu l-kumpens għad-dannu u jadottaw miżuri, jekk il-portata tal-effetti ma jkunx ġie evalwat matul il-proċedura ta' evalwazzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni ta' importanza għall-Komunità (Natura 2000)?

---

(1) ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León (Spanja) fl-1 ta' Lulju 2022 – Asociación para la Conservación y Estudio del Lobo Ibérico (ASCEL) vs Administración de la Comunidad Autónoma de Castilla y León**

**(Kawża C-436/22)**

(2022/C 359/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Asociación para la Conservación y Estudio del Lobo Ibérico (ASCEL)

*Konvenut:* Administración de la Comunidad Autónoma de Castilla y León

**Domandi preliminari**

Sa fejn kull miżura meħuda minn Stat Membru abbażi tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-habitat") għandu jkollha bħala għan, skont l-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva, li jiġu żgurati ż-żamma jew l-istabbiliment mill-ġdid, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-ispeċi ta' annimali ta' interess Komunitarju, bħalma huwa l-lupu (*canis lupus*),

1) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2), kif ukoll tal-Artikoli 4, 11, 12, 14, 16 u 17 tad-Direttiva dwar il-habitat jipprekludu li, skont liġi ta' komunità awtonoma (il-Ley 4/1996 de Caza de Castilla y León (il-Liġi Nru 4/1996 ta' Castilla y León dwar il-Kaċċa), tat-12 ta' Lulju 1996, u sussegwentement il-Ley 4/2021 de Caza y de Gestión Sostenible de los Recursos Cinegéticos de Castilla y León (il-Liġi Nru 4/2021 ta' Castilla y León dwar il-Kaċċa u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi tal-Kaċċa), tal-1 ta' Lulju 2021), il-lupu huwa identifikat bħala speċi li tista' tkun is-suġġett tal-kaċċa, b'tali mod li l-isfruttament lokali tal-lupu fit-territorji miftuħa għall-kaċċa kien ġie awtorizzat matul l-istaġuni 2019/2020, 2020/2021 u 2021/2022, u dan filwaqt li, skont ir-rapport għall-perijodu ta' sitt snin bejn l-2013 u l-2018, li r-Renju ta' Spanja bagħat lill-Kummissjoni Ewropea fl-2019, l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu huwa "sfavorevoli u inadegwat", li wassal lill-Istat (l-Istat Membru, Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-habitat) sabiex jinkludi l-popolazzjonijiet Spanjoli kollha tal-lupu fil-lista tal-ispeċi selvaġġi li huma s-suġġett ta' sistema ta' protezzjoni speċjali u fir-reġistru Spanjol ta' speċi mhedda, b'mod li ta protezzjoni stretta anki lill-popolazzjoni li jinsabu fit-Tramuntana tax-xmara Duero?

2) huwa kompatibbli ma' dan l-għan li l-lupu jingħata protezzjoni differenti skont jekk jinsabx fit-Tramuntana jew fin-Nofsinhar tax-xmara Duero, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni (i) il-fatt li, minn perspettiva xjentifika, din id-distinzjoni llum il-ġurnata titqies li hija inadegwata, (ii) l-evalwazzjoni sfavorevoli tal-istat ta' konservazzjoni tal-lupu fit-tliet reġjuni fejn jinsab fi Spanja, jiġifieri fir-reġjun tal-Alpi, tal-Atlantiku u tal-Mediterran, matul il-perijodu bejn l-2013 u l-2018, (iii) il-fatt li din hija speċi li tgawdi minn protezzjoni stretta prattikament fl-Istati Membri kollha u, b'mod partikolari, fil-Portugall, li miegħu huwa kondiviż wieħed minn dawn ir-reġjuni, u (iv) il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-firxa naturali u l-portata territorjali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu, u dan filwaqt li jitqies li jkun iktar konformi mad-Direttiva dwar il-habitat u li ma jkunx hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(3) tagħha jekk il-lupu jiġi inkluż fl-Annessi II u IV mingħajr ma ssir distinzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tax-xmara Duero, b'tali mod li l-qbid u l-qtil tal-lupu jkunu possibbli biss meta ma jkun hemm ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra fis-sens tal-Artikolu 16 u konformement mar-rekwiżiti ta' dan l-artikolu?

   Fil-każ li jitqies li din id-distinzjoni hija ġġustifikata,

3) il-kelma "sfruttament" li tinsab fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-habitat tinkludi l-isfruttament fil-kuntest tal-kaċċa tal-lupu fid-dawl tal-importanza partikolari ta' din l-ispeċi (li għandha prijorità fiż-żoni territorjali l-oħra), u fid-dawl tal-fatt li l-kaċċa għal-lupu kienet awtorizzata sal-lum il-ġurnata u tal-fatt li ġie kkonstatat li s-sitwazzjoni tiegħu għall-perijodu bejn l-2013 u l-2018 kienet sfavorevoli?

4) l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-habitat jipprekludi l-identifikazzjoni, permezz ta' leġiżlazzjoni, tal-lupu fit-Tramuntana tax-xmara Duero bħala speċi li tista' tkun is-suġġett tal-kaċċa (Artikolu 7 u Anness I tal-Liġi Nru 4/1996 ta' Castilla y León dwar il-Kaċċa, tat-12 ta' Lulju 1996, u Artikolu 6 u Anness I tal-Liġi Nru 4/2021 ta' Castilla y León dwar il-Kaċċa u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi tal-Kaċċa, tal-1 ta' Lulju 2021), kif ukoll l-adozzjoni ta' pjan ta' sfruttament lokali tal-lupu fit-territorji territorji miftuħa għall-kaċċa li jinsabu fit-Tramuntana tax-xmara Duero fir-rigward tal-istaġuni 2019/2020, 2020/2021 u 2021/2022 mingħajr ma tkun ippreżentata d-data li tippermetti li jiġi evalwat jekk is-sorveljanza prevista fl-Artikolu 11 ta' din id-direttiva kinitx ġiet implimentata, mingħajr it-twettiq, sa mill-2012/2013, ta' ċensimenti u mingħajr ma tingħata informazzjoni suffiċjenti, oġġettiva, xjentifika u aġġornata fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-lupu fil-fajl li fuqu kienet ibbażata l-adozzjoni tal-pjan ta' sfruttament lokali, u dan filwaqt li, għall-perijodu bejn l-2013 u l-2018, fit-tliet reġjuni fejn il-lupu jinsab fi Spanja, jiġifieri fir-reġjun tal-Alpi, tal-Atlantiku u tal-Mediterran, l-evalwazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni tiegħu hija sfavorevoli?

5) skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4, 11 u 17 tad-Direttiva dwar il-habitat, ir-rapporti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu (il-livelli ta' popolazzjoni attwali u reali, it-tqassim ġeografiku attwali, ir-rata ta' riproduzzjoni, eċċ), jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kull sitt snin jew, jekk ikun meħtieġ, f'perijodu iqsar, permezz ta' kumitat xjentifiku bħalma huwa dak maħluq permezz tar-Real Decreto 139/2011 (id-Digriet Irjali Nru 139/2011), fid-dawl tal-fatt li l-popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernata jinsabu fit-territorju ta' diversi komunitajiet awtonomi u tal-ħtieġa li jiġu evalwati "fuq livell ikbar" il-miżuri li jikkonċernaw popolazzjoni lokali, konformement mas-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola ([2])?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102.
([2]) C-674/17, EU:C:2019:851.